**6 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Muscat

**Traffiku — "Pedestrian".**

*Hu veru li anki l-"pedestrian" għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karrozza tal-mutur li jinvesti "pedestrian" u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-"pedesrian" li ġie milqut; u ma tistgħax tiġi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emerġenza. Il-kondućenti ta' vettura ma għandhomx jippreżumu normalità perfetta ta' komportament tal-"pedestrians". imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċità tagħhom b'marġini suffiċjenti ta' sikurezza.*

*Il-konkors ta' kolpa tal-"pedestrian" jista' jkollu effetti "civiliter"; imma, meta anki d-driver ikun in kolpa, l-imputabbilità tiegħu kriminalment tibqa'.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra George Muscat, talli f'Għajndwieli Road, Pawla, fil-25 ta' Novembru 1960, għall-ħabta tas-6 a.m., (a) saq van no. 24057 b' speed aktar milli jmissu, (b) b'manjiera traskurata, (c) u b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Teresa Scicluna, skond kif iċċertifika Dr. E. Schembri Wismayer, M.D.; bit-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan għal mhux anqas minn tmien tijiem;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Marzu 1961, li biha sabet lill-imsemmi George Muscat ħati skond l-im-

putazzjoni, b'dan li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jinsabu assorbiti fit-tielet; u, in vista tal-fatt li kienu għaddew aktar minn sentejn mill-ewwel reat tiegħu, li kien punibbli b'piena li ma teċċedix it-tnax il-xahar, ordnat li jiġi liberat taħt il-provvedimenti tal-art.23(2) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu veru li anki l-"pedestrian" għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali. Ingħad tajjeb mill-Cassazione Civile taljana, f'sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 1957 (Ass. Americ. Cavalieri di Colombo vs. Javicoli) :— "Anche il pedone è tenuto a rispettare le norme del codice stradale; e nel caso di investimento il guidice deve esaminarne il comportamento, per stabilire se esso non fu causa esclusiva, o, per lo meno, concorrente, del sinistro";

Barra minn Malta, f'diversi pajjiżi, anki l-"pedestrians" huma passibbli ta' kontravvenzjonijiet għar-regolamenti tat-traffiku stradali;

Hu veru wkoll li l-investita, Teresa Scicluna, milli jidher, kienet diżattenta meta qasmet it-trieq, probabbilment minħabba li kienet daqsxejn mgħaġġla biex tilħaq il-quddiesa wara li rat iċ-ċelebrant nieżel ħalli jqaddes. Hi qalet li ħarset u sa fejn taf hi, ma ratx karrozzi; fil-fatt, però, kien hemm il-van tal-imputat ġej u van ieħor quddiemu. Kien il-każ, fiċ-ċirkustanzi, li hi toqgħod attenta fi grad akbar, għaliex kien għad ftit id-dlam dak il-ħin kmieni ta' filgħodu, tant li l-lampi kienu għadhom mixgħulin; u minbarra hekk, aktarx li xi karrozzi pparkjati quddiem id-dar mnejn ħarġet kienu qegħdin jostakolawlha ftit il-viżwali;

Hu anki veru li din Scicluna tfaċċat "f'daqqa" fil-perkors tal-imputat, għaliex kien hemm karrozza oħra quddiemu u hi tfaċċat bejn waħda u oħra; din iċ-ċirkustanza tneħħi l-forza tal-argument tal-Ewwel Qorti fis-sens li l-

imputat seta' raha, għaliex kienet qasmet aktar minn nofs it-trieq;

Iżda, biex l-appellant jista' jiskolpa ruħu kriminalment, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti ta' Scicluna; mentri dan ma hux il-każ, għax hu stess ikkonkorra għall-investiment, billi kien qed isuq bi speed ta' bejn 25 u 30 mil fis-sigħa, u għalhekk l-azzjoni evażiva tiegħu ma kienetx effikaċi. Ma tistgħax tiġi nvokata l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri, bħal f'dan il-każ, il-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' dik l-emerġenza. Qalet sewwa l-Cassazione Penale taljana, f'sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru 1936, Pubb. Ministero vs. Merlini, (Archiv. Giur., 1957, p. 432), li l-konduċenti ma għandhomx jippreżumu "una perfetta normalità di comportamento da parte dei pedoni", imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb "la contingente situazione stradale", u għalhekk jirregolaw il-veloċità "con un adeguato margine di sicurezza";

Għalhekk il-konkors ta' kolpa mill-parti ta' Teresa Scicluna jista' jkollu effetti "civiliter", imma, stante li kien anki hu in kolpa, ma jneħħix l-imputazzjoni kontra l-appellant "in criminalibus";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.